# ID-DAWL

JANNAR 2023 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 61

"U inti (Muħammad) tabilħaqq tippossedi kwalitajiet morali għoljin."



Il-Valuri Morali | Is-Sentimenti Reliġjużi | Il-Mirakli Morali | Festa ta' Ġenerożità

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IL-VALURI MORALI

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Il-kapital reali tal-bniedem huma l-manjieri tajba u l-morali nobbli tiegħu. Huma l-morali u l-manjieri tagħna li jiddistingwuna minn xulxin. L-azzjonijiet tagħna jirriflettu l-karattru u l-personalità tagħna.

Onestà, trasparenza, responsabbiltà, verità, ġenerożità, qalb tajba, attitudni ta' kura u mħabba lejn l-oħrajn huma kollha valuri morali, u aħna bnedmin minħabba l-valuri morali tagħna.

Il-valuri morali tajba jistgħu jġibu bidla kbira – bidla pożittiva – fis-soċjetà. Is-soċjetajiet jissaħħu bi prattiki u valuri tajba li jkunu mibnija fuq pedamenti sostenibbli. Jekk ma jkunx hemm moralità, allura ma qisna xejn. Aħna lkoll umani. Alla ħalaqna bħala l-aqwa ħolqien Tiegħu.

Għalhekk huwa importanti ħafna li nkunu konxji dwar dak kollu li ngħidu, niktbu jew nagħmlu; u dejjem inżommu f'moħħna li huwa mitlub minna li nimxu fit-triq it-tajba u dejjem nipprattikaw il-valuri morali tajba fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

**ID-DAWL**

JANNAR 2023 – Numru 61
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Moral values | 02 |
| Religious sentiments | 03 |
| The moral miracles | 05 |
| The true majesty | 06 |
| Conduct of Godly men | 07 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** VFXArabia | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# NIRRISPETTAW IS-SENTIMENTI RELIĠJUŻI

Wieħed mill-prinċipji ewlenin għall-bini ta' soċjetajiet paċifiċi u armonjużi huwa li nirrispettaw is-sentimenti reliġjużi ta' xulxin meta ngħixu flimkien f'soċjetà multikulturali u multireliġjuża.

Ir-rispett tas-sentimenti reliġjużi huwa lezzjoni sabiħa għat-twaqqif tal-paċi u l-ħbiberija mgħallma lilna mill-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih.

Darba, matul ħajtu, Musulman u Lhudi kienu involuti f'argument. It-tnejn sostnew is-superjorità relattiva tal-profeti rispettivi tagħhom. Jidher li l-konkorrent Musulman seta' għamel it-talba tiegħu b'mod li weġġa' s-sentimenti tal-Lhudi hekk kif resaq lejn il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, u lmenta kontra l-Musulman. Malli sema' l-ilment, il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, wissa biex wieħed ma jkunx insensittiv lejn is-sentimenti ta' ħaddieħor. U stqarr, "Teżaltawnix aktar minn Mosè."

Tali kienu l-istandards għoljin ta' diċenza u korteżija tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, mitluba mis-segwaċi tiegħu anke f'mumenti ta' dibattitu teoloġiku jaħraq.

Għalhekk, naħseb li wieħed mill-prinċipji ewlenin li għandna nipprattikaw fil-ħajja ta' kuljum tagħna huwa li jkollna relazzjonijiet tajbin mal-bnedmin ta' madwarna. Dan jista' jseħħ billi nieħdu ħsieb is-sentimenti ta' xulxin, u billi nuru attitudni ġenwina u ta' mħabba u rispett lejn xulxin.

Barra minn hekk, sabiex nistabbilixxu relazzjonijiet sodi, għandna dejjem ngħidu l-verità u kelma tajba; u qatt ma nlissnu kliem li jweġġa' s-sentimenti ta' ħaddieħor, u dejjem inżommu lsienna milli ngħidu kliem mhux xieraq. Għandna biex dejjem inżommu l-umanità kollha fil-konsiderazzjoni tagħna meta nitkellmu jew niktbu xi ħaġa.

# FESTA TA' ĠENEROŻITÀ




Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta pparteċipat b'mod sħiħ fl-attività għall-ġbir ta' fondi organizzata mid-Dar tal-Providenza fl-Ewwel tas-Sena 2023. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana serviet ikel tradizzjonali matul il-ġurnata; u għenet billi wieġbet it-telefonati waqt l-attività li rnexxielha tiġbor somma sabiħa għad-Dar tal-Providenza – dar għall-persuni b'diżabilità.



# IL-MIRAKLI MORALI

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

**Il-mirakli morali jħallu influwenza kbira.** Il-filosfi ma jistax ikunu għalkollox sodisfatti bil-veritajiet u l-insinwazzjonijiet, iżda l-morali eżemplari jħallu impatt qawwi u profond fuqhom. Wieħed mill-mirakli tal-Qaddis Profeta Muħammad, il-Kap tal-Messaġġiera, il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu, li għandu x'jaqsam mal-mirakli morali juri kif darba l-Profeta tal-Iżlam, Muħammad, is-sliem għalih, kien rieqed taħt siġra meta f'daqqa waħda stenbaħ b'għajta ta' allarm.

Meta qam lemaħ Bedwin tad-deżert maġenbu, bix-xabla f'idu, u dan qallu: "O Muħammad! Għidli, min issa jista' jsalvak minn idejja?" "Alla," wieġbu l-Profeta tal-Iżlam, b'sodisfazzjon kbir u bil-kalma ġenwina li kien imbierek biha. Din it-tweġiba tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ma kinitx superfiċjali bħalma jistgħu jaħsbu oħrajn. Il-kelma 'Alla', li huwa l-isem personali ta' Alla Omnipotenti u li jiġbor fih l-attributi perfetti kollha, tlissnet minn fomm il-Messaġġier b'tant emozzjoni sinċiera li laqtet il-qalb tal-Bedwin.



Jingħad li dan huwa l-Aqwa Isem (*ism-e-ażam*) ta' Alla u jippossedi barkiet straordinarji. Imma għal wieħed li lanqas biss jiftakar f'Alla, x'ġid se jieħu minn dan l-isem? B'hekk, il-kelma 'Alla' tlissnet mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] b'tali mod li l-Bedwin baqa' mbellah u idu bdiet tirtogħod. Ix-xabla tiegħu waqgħet fl-art.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] imbagħad qabad l-istess xabla u qal: "Issa għidli int, min jista' jsalvak minn idejja?" Lil min seta' jlissen dan in-nomadu dgħajjef tad-deżert? Fl-aħħar nett, il-Qaddis Profeta, il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu, wera l-virtujiet sublimi tiegħu u qal: "Mur, jiena neħilsek. Tgħallem il-ħniena u l-qlubija mingħandi." Dan il-miraklu tal-moralità tant effettwa lil dan ir-raġel li sar Musulman.

## IL-VERU MAESTÀ

Huwa rrakkuntat fil-kotba tal-istorja li darba wieħed raġel resaq fuq Abul-Hasan Kharqani. Fil-vjaġġ tiegħu lura, ir-raġel kkonfronta ljun u qallu: "F'ġieħ Alla warrab minn quddiemi." L-iljun attakkah. Imma mbagħad ir-raġel esklama: "Ħallini f'ġieħ Abul-Hasan", u l-iljun telaq. Dan l-inċident qanqal spiritwalment lill-persuna inkwistjoni, u huwa rritorna lura mill-vjaġġ tiegħu. Meta wasal, huwa rrakkonta dan il-misteru lil Abul-Hasan li wieġeb: "Din mhix kwistjoni diffiċli. Inti ma kontx midħla sew tal-isem ta' Alla. Il-maestà u r-riverenza vera ta' Alla ma kinux preżenti f'qalbek. Imma lili, inti kont tafni sew u f'qalbek kont tistmani b'qima kbira." B'hekk, hemm benedizzjoni u mertu kbir fl-isem ta' Alla, aktar u aktar meta dan kollu jkun ġej mill-qalb u wieħed ifittex biex jagħraf it-tifsira profonda tiegħu.

## IL-ĠENEROŻITÀ BĦALA VALUR MORALI

Bl-istess mod, fost il-mirakli tal-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu, li għandhom x'jaqsmu mal-moralità, hemm wieħed li juri kif darba waħda, il-Profeta Muħammad[sa] kellu għad-dipożizzjoni tiegħu għadd kbir ta' nagħaġ. Persuna waħda hija rrapportata li qalet li qatt f'ħajjitha ma rat lil xi ħadd jippossedi


Andrew Mayovskyy | Shutterstock

tant għana abbundanti. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ta l-merħla kollha lil dik il-persuna fejn immedjatament dak ir-raġel stqarr: "Bla dubju, inti Profeta ta' veru, għaliex din il-ġenerożità ħadd ieħor mhu kapaċi juriha." B'hekk, il-morali eżemplari tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kienu tali li l-Koran jagħmel din id-dikjarazzjoni: **U inti (Muħammad) tabilħaqq tippossedi kwalitajiet morali għoljin.** (Il-Koran, 68:5)

## L-IMĠIBA TA' RĠIEL TAR-RUĦ

Qed niftakar f'aneddotu miktub minn Saadi fil-ktieb tiegħu *Bustan*, fejn jirrakkonta li darba raġel nobbli ngidem minn kelb. Meta wasal lura d-dar, il-qraba tiegħu ntebħu b'din il-gidma tal-kelb. Tifla sempliċi u innoċenti li kienet preżenti staqsietu: "Għalfejn ma gdimtx il-kelb inti wkoll bħala tpattija?" Ir-raġel wieġeb: "Il-bnedmin ma jistgħux jaġixxu bħall-klieb."

Bl-istess mod, meta persuna tiġi mkażbra u misħuta minn xi ħadd kattiv, huwa fid-dmir ta' min jemmen li ma jirrispondix lura bl-istess manjiera. Inkella, din l-imġiba bħal tal-klieb issir applikabbli għal dawn in-nies. Il-maħbubin ta' Alla ġew imkażbra bl-agħar tagħjir u tnikktu bl-agħar modi possibbli. Madanakollu, dejjem ġew indirizzat b'dan il-kliem: **"Warrbu mill-injoranti."**

(Il-Koran, 7:200). (Malfużat, Vol. 1, p. 96-99)

# QATT TIĊĊELEBRAW IL-MEWT TAL-GĦADU

Anki jekk għadu minn tiegħek jiltaqa' ma' mewtu, b'daqshekk? U jekk jibqa' ħaj, imbagħad? Li jsir il-ġid jew id-deni jaqa' taħt is-setgħa u l-kontroll ta' Alla Omnipotenti. L-ebda esseri uman ma jista' jikkawża l-ħsara lil ħaddieħor.

Saadi kiteb aneddotu fil-ktieb tiegħu *Gulistan* li xi ħadd wassal il-bxara t-tajba lil Nusherwan li ċertu għadu minn tiegħu nqatel, u li l-pajjiż u l-fortizza tiegħu kienu nħakmu mill-qawwiet ta' Nusherwan. Nusherwan ta risposta meraviljuża u qal:

***Il-mewt tal-għadu tiegħi ma jġibli l-ebda ferħ;***
***Għaliex anki ħajjitna mhijiex għal dejjem.***

Persuna għandha tirrifletti, x'benefiċċju u hena jistgħu jinħasdu minn dawn il-pjanijiet u kumplotti? Dan it-tip ta' ħsieb huwa perikoluż immens u l-fejqan tiegħu huwa l-indiema, it-tiftix tal-maħfra ta' Alla, ir-reċtar ta' *la ħawl* [M'hemm l-ebda forza u qawwa ħlief f'Alla] u l-istudju tal-Ktieb ta' Alla. Meta persuna tkun għażżiena u inattiva, dan it-tip ta' ħsieb immorali jibqa' jiddomina għal perjodu twil ta' żmien. (Malfużat, Vol. 2, p. 74-75)

**"Inti l-Protettur tagħna; għalhekk aħfrilna u uri ħniena magħna, għaliex Inti l-aqwa fost dawk li jaħfru."**
(Il-Koran, 7:156)

**"Mulejja, aħfer u uri ħniena, għax Inti l-aqwa fost dawk li juru ħniena."**
(Il-Koran, 23:119)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**